MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Numru. 615/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri )**

**vs.**

**Naomi Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b’digriet tal-lum stess - migjuba kontra Naomi Pace ta’ sittax (16)-il sena, bint Silvio Pace u Liza Pace nee Grima, imwielda Pieta fis-17 ta’ Mejjun1998, u li toqghod fil-fond bl-isem Blk J, Flat 5, Bini tal-Gvern, Hamrun, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 197398(m)

Akkuzata talli:

1. Fil-21 ta’ Gunju, 2014 bejn is-sebgha ta’ filghaxija (19:00hrs) u t-tmienja u nofs ta’ filghaxija (20:30hrs) gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun u/jew postijiet ohra, ikkagunajt feriti ta’ natura gravi fuq-il persuna ta’ Sonia Sammut skond kif gie ccertifikat minn Dr. Chris Giordimaina Med No 3589 ta’ l-isptar Mater Dei;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunat feriti ta’ natura gravi fuq-il persuna ta’ Sonia Sammut permezz ta’ arma regolari, inkella bi strument bil-ponta jew iniggez, inkella b’sustanza jew likwidu li jista’ jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellek fil-pussess tieghek arma bil-ponta, mus, minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kisret il-paci pubblika b’ghajjat u glied;

5. Talli nhar il-22 ta’ Gunju 2014 f’diversi hinjiet gewwa il-Gzejjer ta’ Malta insulentajt, ingurjajt jew heddidt lil Sonia Sammut bi kliem;

6. Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputata milli tavvicina lil Sonia Sammut u l-membri tal-familja tieghha, ir-residenza tieghha kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

7. Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghha u senjatament li l-imputazzjonijiet dedotti kontriha jwasslu ghal piena massima ta' disa' (9) snin prigunerija, u multa ta' mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u wara li l-Qorti tat lill-imputata hin adegwat biex tikkonsulta mal-Avukat difensur taghha u tara jekk tridx tirrevedi l-posizzjoni taghha, l-imputata regghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha.

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata u l-fatt li hija ikkoperat mal-pulizija.

L-imputata kienet involuta fi glieda flimkien ma' membri tal-familja taghha go bar. Fil-fatt mic-certifikat mediku ezebit bhala Dok SM6 jirrizulta illi, Sonia Sammut kellha is-segwenti griehi gravi:

*"Incision left hand 10cm long over dorsum extending between ring finger and little finger in the web space.*

*Incision over mid-proximal forearm of left arm.*

*Incision over proximal forearm of left arm."*

Feriti, li certament huma ta' natura gravi.

Pero l-imputata ghad ghandha sittax-il sena, u ghalhekk, il-Qorti hi tal-opinjoni li l-piena ghandha titnaqqas b'zewg gradi, ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali.

Pero, minkejja l-eta' zghira taghha, l-imputata diga ghandha kundanna wahda fil-fedina penali taghha talli *inter alia* heddedt b'turnavit lil Pulizija, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu s-servizz taghhom. Ghalhekk jidher li l-imputata ghandha bzonn titghallem tikkontrolla l-emozzjonijiet taghha.

In oltre, wara dan l-incident, l-imputata qaghdet tiftahar mal-parte civile fuq *Facebook* bil-griehi li kienet ikkagunatilha u tuza kliem oxxen – ara Dok SM8 ezebit. Dan kollu juri li l-imputata ghandha bzonn ta' gwida sabiex ma tibqax sejra fit-triq tal-kriminalita li tidher li qed taqbad.

Li kieku l-imputata kienet maggorenni, il-Qorti ma kien ikollha l-ebda ezitazzjoni li tordna piena karcerarja effettiva, pero in vista tal-fatt li l-imputata ghad ghandha sittax (16)-il sena, il-Qorti hija tal-opinjoni, li l-imputata ghandha tinghata opportunita biex tirriforma ruhha u li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi.

Il-Qorti qieset ukoll li l-kontravenzjonijiet fl-imputazzjonijiet erbgha (4) u hamsa (5) huma assorbiti fir-reati gravi kontemplati fl-ewwel (1) u fit-tieni (2) imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 37, 217, 218(1)(b), 338(d)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, qed tikkundanna lill-imputata ghal sentejn (2) prigunerija, li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qieghda wkoll tikkundanna lill-hatja ghall-hlas ta’ multa ta’ mija u sittax-il Euro u seba’ u erbghin centezmu (€116.47).

A tenur ta’ l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’zieda ma’ din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqha skond l-Ordni ta’ Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hatja bi kliem car il-konsegwenzi jekk hija tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza jew jekk tonqas illi ssegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta’ Supervizjoni.

Il-Qorti qieghda wkoll tohrog Ordni ta’ Protezzjoni ghal zmien tlett (3) snin ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan bil-kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet imposti fl-istess Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti ta’ dawn il-proceduri jintbaghtu lill-Avukat Generali fit-terminu prefiss mill-ligi.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------